# Opri Xejn Komuni

Tagħrif mogħti minn Tony Terribile u Rev. Mons. Dun G. Dimech
Servizz ta' Silvio Cassar

Fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan issib ħafna xogħlijiet rikki magħmulin minn artisti u mgħallmin varji Maltin. Ibda mill-istatwa ta' Maria Annunzjata t-titular, l-istatwa devota tar-Rużarju, il-pittura tas-saqaf, il-kwadri tal-madwar u l-iskultura tal-koppla kemm minn barra u kif ukoll minn ġewwa fost oħrajn. Iżda llum sejrin naraw tliet opri li nsibuhom fil-knisja u li xejn m'huma komuni fil-gżejjer Maltin.

## L-Arloġġ Tork

Dan l-arloġġ ingħata lill-knisja fl-4 ta' Awissu 1815 minn Kristina Seychell. Dan l-arloġġ li jinsab fis-sagristija fuq in-naħa tal-lemin jixbaħ ħafna lil dak li hemm fil-palazz tal-President jiġifieri bit-torok u l-kwadranti.

Barra l-ħin, dan l-arloġġ jimmarka wkoll il-ġurnata, ix-xahar, l-istaġun, il-fażi tal-qamar u sinjali żodijokali. Tajjeb li wieħed iżur il-knisja fil-jiem tal-festa jara dan l-arloġġ jaħdem. Jista' jkun li l-arloġġ hu magħmul mill-arluġjar magħruf mill-Birgu Subaj li kien jgħix f'dik l-epoka.



L-arloġġ Tork li ngħata lill-Knisja ta' Ħal Balzan fl-1815 li jinsab fuq il-lemin jew ix-xellug skond minn fejn tidħol fis-Sagristija

## Iż-Żewġ Gandlieri l-Kbar

Biċċa xogħol sabiħa fl-injam li nsibu f'din il-knisja huma l-par gandlieri kbar li fil-jiem tal-festa jintramaw fuq il-presbiterju. Dawn il-gandlieri huma twal seba' piedi u nofs.

Dawn il-gandlieri kienu jsiru sabiex idawlu l-knejjes speċjalment f'dawk iż-żminijiet meta kien hawn nuqqas ta' dawl. Huma żewġ gandlieri magħmula fuq stil barokk mill-isbaħ u fl-aqwa tiegħu. Jingħad li dawn il-gandlieri huma disinn tal-magħruf Senglean Francesco Zahra.

Tajjeb wieħed ikun jaf ukoll li tant kemm intgħoġbu dawn il-gandlieri mill-Balzanin li l-altari laterali li hemm fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan saru skond id-disinn ta' dawn it-tnejn. Dawn iż-żewġ gandlieri m'huma xejn komuni f'Malta tant hu hekk li ssibhom biss fil-parroċċi ta' Stella Maris tas-Sliema,

f'Ħal Għaxaq, fil-Knisja ta' Porto Salvu (San Duminku) fil-Belt Valletta, fil-Katidral ta' l-Imdina, f'Bormla u f'Ħal Tarxien.

## It-Tużell

Opra oħra hija t-tużell artistiku tal-festa magħmul fuq id-disinn ta' Ġiuseppi Calleja u nħadem minn Salvu Grixti t-tnejn minn Ħal Balzan. Dan it-tużell li ħa post tużell ieħor iżżanżan fil-festa tal-1877, jiġifieri s-sena d-dieħla fl-2002 jagħlaq 150 sena. It-tużell huwa biċċa xogħol oħra kbira li turi l-kapaċità tal-ħaddiem Malti.

Dan it-tużell sar fi żmien il-Kappillan Dun Guiseppe Salnitro. L-irbit tiegħu huwa rari ħafna f'pajjiżna għax jintrabat min-nofs mingħajr ventijiet. Dan jista' jsir għax it-toqba u l-fus huma kwadri, b'hekk meta t-tużell jiġi f'postu ma jkunx jista' jdur.

Naħseb taqblu miegħi li għal dak iż-żmien kienet biċċa enġinerija kbira. Tajjeb li tkunu tafu li dan it-tużell jintrefa' fi 30 biċċa injam, barra l-ħadid, il-ġmiemel u l-frenza li fih. Sabiex jintrama jieħu madwar ħames sigħat, però fil-jiem tal-festa jiddomina l-altar maġġur bis-sbuħija tiegħu.

Rajna flimkien dawn it-tliet opri li fil-festa tal-Lunzjata jsebbħu l-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan u n-nies li żżur il-knisja tkun tista' tapprezza aktar dawn ix-xogħlijiet.


It-tużell maestuż li jinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan armat għall-okkażjoni tal-festa titulari tal-Lunzjata. It-tużell inħadem fis-sena 1877.